MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 4/1998/1

**Concetta Cassar**

**vs**

**Alfred Zammit**

Il-Bord

Ra r-rikors ta' Concetta Cassar:

"Illi hija tikri lill-intimat bicca raba' maghrufa bhala 'Tal-Handaq' li tinsab bejn is-Siggiewi u l-Imqabba, bil-qbiela ta' Lm3 fis-sena li tithallas f'Santa Marija b'lura;

Illi hija ghandha bzonn l-imsemmija raba' ghall-bzonnijiet taghha;

Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett li l-Bord jawtorizzaha tiehu lura l-pussess tar-raba msemmija;

Ra r-risposta tal-intimat:

“Illi d-domandi tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi din il-vertenza gia giet deciza minn dawn il-Qrati b’sentenza moghtija mill-istess Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba, rikors numru 43B/1986 fl-ismijiet “Concetta Cassar vs Alfred Zammit” deciza fl-4 ta’ Frar, 1994.

Illi qabel ma tigi kunsidrata din il-vertenza gia deciza u inappellata, ir-rikors odjern huwa null ukoll stante li r-rikorrenti ma hallsitx l-ispejjez tar-rikors fuq imsemmi kif deciz minn dan it-Tribunal fl-4 ta’ Frar, 1994.

Illi galadarba l-mertu ta’ dan ir-rikors gie deciz minn dawn il-Qrati dan jifforma stat in konfront tal-kontendenti u ghalhekk il-kwistjoni ta’ bejniethom hija issa ‘res judicata’ u l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi r-rikorrenti ma ppruvatx dak li hija allegat. Illi fil-fatt din l-ghalqa kienet minn dejjem tinhadem u tithawwel mill-intimat.

Inoltre din l-ghalqa hija sors importanti ghall-ghixien tal-intimat u l-familija tieghu waqt li r-rikorrenti hija pensjonanta u ghandha introjtu bizejjed ghall-ghixien taghha.”

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat kienu determinati minn dan il-Bord diversament presedut permezz ta’ sentenza moghtija fl-14 ta’ Settembru 2001 a fol 19 tal-process. Ghalhekk din hija sentenza dwar il-mertu tal-kaz;

Illi ix-xhieda f'din il-kawza kienu r-rikorrenti, l-intimat u rapprezentant tad-dipartiment tas-Servizzi Socjali u d-deposizzjoni taghhom tista' tkun sintetizzata bil-mod segwenti: Ir-rikorrenti tghid li ghandha bzonn din l-art konsistenti f'kejl ta' cirka tlett itmiem u nofs, sabiex tahdimha biex tkun tista tghix ghaliex hija armla u ma ghandhiex penzjoni jew dhul iehor. Il-fatt li m'ghandha ebda pensjoni mill-Istat kien konfermat mir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali. Mix-xhieda taghha, xejn cara, jidher li ghandha tnax-il tomna raba izda dan huwa mqabbel u tiehu xi haga tieghu (ara fol 57) u ghandha xi raba iehor li mqabbel lilha. L-intimat jghid li hu kien jahdem mal-Gvern izda illum huwa irtirat bil-pensjoni. Apparti dan ir-raba' huwa ghandu tmient'itmiem ohra u mieghu jghixu tlett itfal li ghandhom zghar izda aktar tard spjega li dawn ghandhom seba snin, tminatx u ghoxrin sena u dan fid-deposizzjoni tieghu tat-22.3.2006 u ghalhekk jirrizulta li tifel wiehed biss huwa dipendenti. F'din l-ghalqa, l-intimat jizra naqra qamh li jaghtih liz-zewg nghagiet tieghu u jiehu ukoll xi ftit harrub.

Illi fir-relazzjoni tal-periti membri tal-Bord a fol 35 li inutilment jikkontjeni rendikont ta' dak kollu li kien sehh f'dawn il-proceduri inkluzi sintesi tal-verbali u s-sentenza preliminari tal-Bord, fl-ahhar zewg paragrafi hemm verbalizzat dak li kien konstatat waqt access f'dan ir-raba. Hemm kien innotat illi dan ir-raba "ihaddan superfici ta' cirka tlett itmiem u tlett sighan u kien jikkonsisti primarjament f'ghalqa pjuttost zghira li kienet fi stat mahruta, u fiha kien hemm tlett sigar esotici tal-Eucalyptus, Harruba u kamra rurali. Ir-rimanenza tar-raba fin-naha ta' isfel kien primarjament blat mikxuf, sigar tal-harrub u sigar tal-Eucaluptus".

Dawn il-kostatazzjonijet huwa ta' importanza kbira ghaliex minn hawn jirrizulta illi l-opposizzjoni principali tal-intimat u cioe' li "din l-ghalqa hija sors importanti ghall-ghixien tal-intimat u l-familja tieghu...." hija inveritiera u purament invenzjoni. Ghal min hu intiz fir-raba' jaf illi fejn hemm s-sigar tal-Eucalyptus ifisser li ma jitkabbar ebda prodott tahthom jew fil-vicinanzi. Oltre dan, l-uniku uzu li qed jaghmel mil-ghalqa ma hu ta' ebda ghajnuna finanzjarja

ghalih jew ghall-familja tieghu ghaliex kull ma jiehu minnha hu ftit qamh li jittiekel miz-zewg nghagiet tieghu. Dan ifisser li tlett itmiem u nofs raba li jistghu jghinu lir-rikorrenti fil-manteniment taghha biex tghix huma prattikament uzati b'kapricc mill-intimat ghal-qbiela ta' Lm3 fis-sena.

B'hekk il-Bord hu konvint li dan ir-raba mhix qed tintuza ghall-iskop li inkriet kif ukoll illi r-rikorrenti ghanha bzonnha biex tghix minnha filwaqt illi l-intimat ma ghandu l-ebda htiega ghall-istess raba' u ghandu raba' iehor li minnu jista' jissuplimenta l-introjtu minnu percepit mill-pensjoni tieghu u dan minkejja li mir-ricerki esebiti jirrizulta li r-rikorrenti ghandha beni immobli ohra ghaliex l-intimat kien messu jitlob lir-rikorrenti tispjega x'inhuma dawk l-immobbli u x'beneficcju tiehu, jekk tiehu, minnhom.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzaha tirriprendi r-raba' fi zmien gimgha wara l-15 t'Awissu, 2009 u dan minghajr kumpens lill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------